# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# IMHALLEF

# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 29 ta' Ottubru, 2001**

**Numru: 2**

**Citazzjoni Numru: 353/86 JF**

**Joseph Busuttil**

**vs**

**Avukat Dottor John Mamo, bhala mandatarju, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera "Arab Drilling and Workover Company".**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur kien impjegat mas-socjeta' estera "Arab Drilling and Workover Company" bhala "roustabout" biex jahdem fil-Libja;

Premess illi fil-21 ta' Gunju 1982, l-istanti, waqt li kien fuq xoghlu, wegga' gravament f'incident industrijali;

Premess illi b'rizultat ta' dan l-incident, l-attur qed isofri minn debilita' ta' natura permanenti;

Premess illi dan l-incident gara unikament htija tas-socjeta' "Arab Drilling and Workover Company" minhabba negligenza, imprudenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti;

Premess illi l-attur, bhala parti mill-kuntratt tax-xoghol tieghu, kien kopert b' "personal accident policy", izda, ghad illi rcieva xi beneficcji taht din il-polza, ma nghatax il-beneficcji kollha li kien intitolat ghalihom taht din l-istess polza;

Premess illi ma ntlahaqx ftehim mas-socjeta' "Arab Drilling and Workover Company" dwar il-likwidazzjoni u hlas tal-bqija tad-danni li garrab l-attur.

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta' estera "Arab Drilling and Workover Company" ma hallsitx lill-attur il-beneficcji kollha li kien intitolat ghalihom taht il-personal accident policy li biha kien kopert;

2. Tillikwida l-beneficcji li kien intitolat l-attur ghalihom u li baqa' ma rceviex taht din il-polza occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundannah nomine biex ihallas lill-attur dak l-ammont li jigi dikjarat bhala li ghadu dovut lill-attur taht il-personal accident policy imsemmi;

4. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta' estera "Arab Drilling and Workover Company" kienet unikament responsabbli ghall-incident industrijali li gara fil-21 ta' Gunju 1982 fil-Libja, f'liema ncident wegga' gravament l-attur, minhabba negligenza, imprudenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-istess socjeta' "Arab Drilling and Workover Company";

5. Tillikwida d-danni kollha subiti mill-attur b'rizultat ta' dan l-incident, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

6. Tikkundannah nomine li jhallas lill-attur dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lill-attur in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 31 ta' Ottubru 1986, dawk tar-rikors tal-bandu tal-kuraturi, u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 485/86, u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenut nomine.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Dottor John Mamo fil-kwalita' tieghu premessa fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament illi din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju, l-attur accetta minghand is-socjeta' konvenuta pagament li kienet offrietlu ghas-saldu tal-pretensjonijiet tieghu, ghalhekk hu ma jista' jkollu ebda dritt iehor kontra s-socjeta' konvenuta.

3. Dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak li jirrigwarda l-ewwel tliet talbiet tal-attur, huwa rcieva l-beneficcji kollha dovuti taht il-“Personal Accident Policy”.

4. Dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, dwar ir-raba’, hames u sitt talba tal-attur:

*a)* dawn m’humiex sostenibbli peress li l-uniku dritt li seta’ kellu l-attur kontra s-socjeta’ konvenuta naxxenti mill-incident in kwistjoni kien dak ghal hlas ta’ beneficcji taht il-“Personal Accident Policy”;

*b)* fi kwalunkwe kaz, dawn it-talbiet huma preskritti ai termini tal-artikolu 2258 tal-Kodici Civili (Kap. 23 tal-Ligijiet ta’ Malta);

*c)* subordinatament, is-socjeta’ konvenuta ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata ulterjorment mill-konvenut nomine a tenur tal-artikolu 2258 tal-Kap. 16;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti, semghet lix-xhieda li giet prodotta; rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament id-decizjonijiet in parte li gew

moghtijin u li ghalihom ser isir accenn ghal fini ta' aktar kjarezza, kif ukoll ghan-noti ta' osservazzjonijiet sottomessi mill-partijiet kontendenti.

Trattata ezawrjentement il-kawza;

Illi jixraq li f'dana l-istadju inizjali jsir accenn riassuntiv u kronologiku ta' dak li sehh f'din il-kawza minn punto di vista ta' iter procedurali, u dan jekk mhux ghal hag'ohra, ghal fini ta' kjarezza.

Fl-14 ta' April 1986, l-attur harrek lill-konvenut nomine kemm riferibbilment ghal dak Ii kien jintitolah taht il-"personal accident policy" u kwantu jallega li ma kienx gie moghti dak kollu dovut lilu, kif ukoll harrek anke direttament lis-socjeta' estera li maghha kien impjegat ghal danni li hu garrab fuq il-lant tax-xoghol gewwa l-Libja li skond l-attur kienu attribwibbli lilha.

Fit-28 ta' Lulju 1986, il-konvenut nomine ipprezenta erba' eccezzjonijiet, l-ewwel tnejn ta' natura preliminarja u legali u t-tnejn l-ohra konnessi precipwament mal-meritu in kawza.  L-ewwel eccezzjoni legali kienet dwar nuqqas ta' gurisdizzjoni, it-tieni kienet dik tal-estinzjoni ta' dritt ta' azzjoni in forza ta' pagament ricevut per saldu.  Fil-mori tal-proceduri, inoltre, il-konvenut nomine ssolleva wkoll l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a

tenur ta' l-artikolu 2258 (illum Art. 2153) tal-Kodici Civili, jigifieri dik tas-sentejn si tratta ta' talbiet ghal hlas ta' danni.

B'sentenza in parte moghtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fl-14 ta' Frar 1990 giet michuda l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta kif kien eccepixxa l-konvenut nomine, bl-ispejjez a kariku tal-konvenut nomine.

B'sentenza ulterjuri ta' din il-Qorti moghtija fl-24 ta' Marzu 1994, din il-Qorti ddecidiet billi cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni surreferita. Wara appell minn din id-decizjoni dwar il-preskrizzjoni, il-Qorti tal-Appell tat sentenza in parte in data tat-28 ta' Frar 1997, fejn is-sentenza tal-Ewwel Qorti giet revokata minhabba zball fl-okkju u bl-atti rinvjati lura quddiem l-Ewwel Qorti. B'sentenza ohra tat-13 ta' Novembru 1997 pero' din il-Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Wara appell ulterjuri mill-konvenut nomine, il-Qorti ta' l-Appell, b'sentenza taghha tat-8 ta' Ottubru 1999, laqghet l-Appell tal-konvenut nomine fir-rigward tar-raba', hames u s-sitt talbiet u wara li rrevokat is-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-attur, irrimettiet l-atti mill-gdid quddiem din il-Qorti biex jigu trattati u decizi l-ewwel tliet (3) talbiet attrici.

Illi l-ewwel tliet talbiet attrici jirreferu ghal dawk il-beneficcji derivanti mill-"personal accident policy" li kienet tkopri lill-attur bhala parti mill-ftehim

ta' impjieg. L-attur qieghed jallega li l-konvenut nomine naqas milli jhallsu tal-beneficcji kollha li ghalihom huwa kien intitolat taht din il-polza u ghalhekk qieghed jitlob dikjarazzjoni favurih f'dan is-sens, oltre likwidazzjoni ta' l-ammont tutt'ora dovut lilu u finalment kundanna fuq il-konvenut nomine biex dan ihallsu l-ammont hekk likwidat.

Mill-provi akkwiziti, huwa inkontestat il-fatt li l-attur tabilhaqq korra fuq il-lant tax-xoghol meta hu kien kopert bil-polza ta' assikurazzjoni <u>de quo</u>. Issa ghalkemm l-attur ircieva somma taht din il-polza, huwa jallega li din ma kienetx kompleta billi huwa kien intitolat ghal aktar. Gara li dak li kien dovut lilu fil-fatt gie mhallas mill-kumpanija assiguratrici billi gie mghoddi lill-konvenut nomine u dan taht l-iskeda ta' "Permanent Total Disablement". Peress li rrizulta pero' li fil-frattemp l-attur kien lahaq ircieva diga' somma ohra bhala "Temporary Total Benefit", il-konvenut nomine naqqas dan l-ahhar ammont mill-ammont li huwa kien ircieva min-naha tal-kumpanija assiguratrici u lill-attur ghalhekk bghatlu d-differenza "in full and final settlement". Fil-fatt l-ammont, imhallas mill-Elmo Insurance Services Limited, l-"underwriters: tal-Lloyds, u mibghut lis-socjeta' konvenuta, kien ta' U.S.$ 11,877.60 (ara Dok WH1, a fol. 287 tal-process) rapprezentanti l-beneficcju kollu dovut taht il-"<u>Permanent Total Disablement Schedule</u>". Jirrizulta li tassew is-socjeta' konvenuta m'ghaddietx dan l-ammont kollu lill-attur. Ghamlet zewg sottrazzjonijiet, jigifieri naqqset l-ammont ta' U.S. $9,130.70 liema ammont nel frattemp

lahaq thallas l-attur taht it-"Temporary Total Disability Schedule" u naqqset ukoll ammont zghir iehor ta' U.S.$ 85.43 ta' spejjez medici liema spejjez medici in segwitu gew mghoddija lill-attur. Ghalhekk il-vertenza hija sewwa sew dwar jekk l-attur kellux dritt, ossija kienx intitolat jircievi jew le, sija beneficcju taht it-"Temporary Total Disability", kif ukoll taht il-"Permanent Total Disability".

Illi jekk wiehed jezamina x-"Schedule of Insured Benefits" – ara fol. 67, u jillimita ruhu ghaliha flimkien mal-kuntratt tax-xoghol – Dok 1 a fol. 64 – wiehed ma jasal ghal ebda konkluzjoni. Bl-istess mod, kieku l-Qorti kellha tistrieh u toqghod biss fuq dak li ddepona William Harding, prodott b'xhud mis-socjeta' konvenuta f'isem is-socjeta' assiguratrici, ukoll kien ikun ferm difficli ghaliha biex tigbed xi konkluzjoni, naha jew ohra. Izda, dan ix-xhud esebixxa wkoll, fost dokumenti ohra, l-"Accident Policy" mahruga mill-Lloyds – ara Dok WH3 (a fol. 289 et seq. tal-process) u skond din il-polza – ara para. 4, fol. 289, din tikkontjeni l-proviso segwenti, u cjoe;

*"Provided Always That:-*

1. *Compensation shall not be payable in respect of the consequencies of one accident to any one Insured Person.*

a) *under more than one of the items of the Schedule of Compensation, except for any compensation payable hereunder in respect of*

*temporary partial disablement preceding or following total temporary disablement, or*

*b) until the total amount thereof has been ascertained and agreed.*

*If, nevertheless, payment be made for weekly compensation, the amount so paid shall be deducted from any lump sum claimable in respect of the same accident". (sottolinear tal-Qorti)*

U, fil-fatt, dan ukoll jaghmel sens ghaliex huwa ragjonevoli li "il piu comprende il meno" u jkun illogiku li ghall-istess incident il-vittma tithallas kemm taht it-"Temporary Total Benefit" kif ukoll taht il-"Permanent Total Benefit" – 'il wahda teskludi lill-ohra u specjalment meta l-vittma tkun qeghda tircievi l-ammont il-kbir.  Dan hu hekk mhux ghaliex il-konvenut nomine kkwalifika l-hlas de quo, permezz ta' ittra li akkompanjanti l-hlas b'cekk, bhala wiehed per saldu, imma ghaliex il-polza stess hekk kienet tikkontempla.  Jekk imbaghad l-attur beda jippretendi hlasijiet addizzjonali direttament mis-socjeta' konvenuta indipendentement mill-"policy", dan id-dritt tilfu meta kull azzjoni ghal danni taht din l-ispecje sfat preskritta bid-dekors tas-sentejn minn meta sehh l-incident de quo li fih safa' imwegga' l-attur.  Kien jidher evidenti li b'konsegwenza ta' dak li sofra l-attur bhala dizabilita' ma kienx ghad possibbli li jigi mill-ewwel determinat jekk din id-dizabilita' kenitx se tkun wahda temporanja inkella ta' natura permanenti.  Kellhom jittraskorru madwar sentejn biex din il-kundizzjoni tigi determinata darba ghal

dejjem. Nel frattemp l-attur beda jircievi hlas taht l-iskeda ta' "Temporary Disablement". Meta in segwitu rrizulta li d-dizabilita' kienet aktar serja u wahda permanenti u li kien allura intitolat li jithallas ammont akbar fi flus taht l-iskeda ta' "Permanent Total Disability", il-kumpanija assiguratrici harget cekk li jkopri l-ammont <u>shih</u> hekk dovut u din baghtitu lill-konvenut nomine billi r-rapport guridiku vigenti kien bejniethom u l-konvenut nomine, a sua volta, ghadda l-hlas dovut taht l-iskeda tal-"Permanent Total Benefit" nieqes minnu pero' l-ammont gja' mhallas taht l-iskeda tat-"Temporary Total Benefit". Issa jekk l-ammont hekk sottratt mill-konvenut nomine baqax fil-pussess tal-istess konvenut nomine jew giex ritornat lis-socjeta' assiguratrici m'hijiex haga li strettament tikkoncerna lill-attur imma biss ir-rapport kontrattwali ezistenti bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' assiguratrici. Mill-punto di vista ta' l-attur l-importanti kien li dan thallas <u>dak kollu li kien intitolat ghalih taht il-polza ta' assikurazzjoni</u> u dan il-fatt jidher li avvera ruhu.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li taghmel mill-gdid riferenza ghas-sentenzi in parte gja' moghtijin u partikolarment dik moghtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Frar 1990 dwar l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni, dawk tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Frar 1997 u tat-8 ta' Ottubru 1999 bl-ispejjez

kif hemm decizi, tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici bl-ispejjez gudizzjarji relativi kontra l-attur.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md